MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 827/2012

**Martin Chetcuti f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Celton Vehicles Company Limited C-42691**

**Vs**

**Joseph Grech**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-19 ta' Dicembru, 2012** u li permezz taghha talbu lill-intimat jhallashom is-somma ta' elf u tlett euro [€1,003] u dan wara li ppremettew hekk:

"Illi l-intimat irrikorra ghand is-socjeta attriċi wara hsara li żviluppatlu fil-gearbox tal-coach appartenenti lill-istess intimat;

Illi s-socjeta attriċi ġiet ikkummissjonata mill-intimat sabiex tingaġġa espert tekniku minn ġewwa l-Italja sabiex ikun

jista jsib soluzzjoni ghall-hsarat, apparti li joffri x-xoghol u s-servizz tieghu fuq l-istess ingenju;

Illi s-socjeta attriċi ġiet ukoll ikkummissjonata sabiex tiehu hsieb it-titjira mill-Italja ghal Malta u vice versa tal-espert tekniku, kif ukoll l-alloggjar ghat-tul taz-zmien li l-espert tekniku kellu jqatta ġewwa Malta sakemm il-problema tiġi riżolta;

Illi tali hlas ghat-titjira u l-alloggjar kellhom jithallsu mill-intimat;

Illi kemm is-socjeta attriċi u l-espert tekniku pprovdew xoghol manwali u servizzi ohra relatati mat-tiswija ta' dan l-ingenju;

Illi nonostante illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas kif mitlub naqas milli jaghmel dan ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-intimat u bl-imghax skont il-Ligi".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-23 ta' Jannar, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Preliminarjament, it-talba attriċi fir-rigward ta' dak l-ammont (li madanakollu mhuwiex likwidat fl-avviz tat-talba) li allegatament huwa dovut lis-socjeta attriċi bhala hlas tas-servizzi taghha hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u inoltre fir-rigward ta' dak l-ammont (li ghal darb'ohra mhuwiex likwidat fl-avviz tat-talba) li allegatament huwa dovut lis-socjeta attriċi bhala rifużjoni ta' disburesements jew spejjez (li allegatament thallsu mis-socjeta attriċi lil terzi persuni) t-talba attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur pro et noe”;

Ra l-verbal datat 1 ta’ Ottubru, 2013 fejn id-difensuri tal-partijiet talbu li tinghata deċiżjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. It-Tribunal laqa’ din it-talba.

Ra l-verbal tas-27 ta’ Novembru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta’ €1,003 u dan bhala kumpens ghal xoghol li huma wettqu fuq vettura ossia coach proprjetà ta’ l-intimat. L-intimat laqa’ ghal din it-talba billi qal li kull ammont li allegatament huwa dovut lir-rikorrenti ghall-hlas tas-servizzi moghtija huwa perent a tenur ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li hija wkoll perenta a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kull talba ghall ammont li huwa allegatament dovut lir-rikorrenti bhala rifużjoni ta’ disbursements jew spejjez li allegatament thallsu lil terzi persuni.

2. Kif diġà inghad, din is-sentenza hija limitata ghal din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra;

3. **Emanuel Grech** xehed bil-procedura ta’ l-affidavit. Huwa qal li fil-25 ta’ Jannar, 2011 huwa kien qieghed jakkumpanja lir-rikorrenti gewwa l-Qorti peress li dan kellu kawza tad-distrett il-Qorti. Waqt il-kawza, jkompli jghid ix-xhud, huwa kien qieghed jistenna lir-rikorrenti fil-kurridur quddiem l-Awla u wara li nqatghet il-kawza “*... hargu kollha barra mill-Awla inkluz Martin Chetcuti u Josef Grech u Dr Paul Lia li kien qieghed jassisti lil Josef Grech*

*li ghamel offerta sabiex il-kwistjoni li wasslet lil partijiet quddiem il-Qorti Kriminali isir qbil fuqha u tigi konkluza*" (fol. 11). Zied ighid li "*Dr Paul Lia flimkien mal-klijent tieghu ghamlu offerta ta' €250 ghas-saldu ta' kull pretensjoni li Martin Chetcuti jista jkollu prezenti u futur, ovvjament kemm Martin u l-Avukat ta' Martin, Dr Arthur Azzopardi ma qablux*" (fol. 11). Ghalaq billi qal li anke huwa kien ta parir lir-rikorrenti sabiex ma jaccettax din l-offerta l-ghaliex ma kienetx tirrifletti x-xoghol u l-ammont dovut.

4. **Marcel Chetcuti xehed** ukoll bil-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li fil-25 ta' Jannar, 2011 huwa kien il-Qorti u dan peress li kien gie mitlub mill-prosekuzzjoni sabiex jaghti x-xhieda tieghu f'kawza li l-pulizija kienet ghamlet kontra missieru, r-rikorrenti, wara argument li kien inqala bejn Josef Grech u missieru Martin Chetcuti. Qal li l-kawza kriminali istitwita kontra missieru "*... kienet tikkoncerna l-istess oggett ta' din il-kawza cioe, l-ammont fi flus li Josef Grech kellu jhallas ghas-servizzi moghtija minnha*" (fol. 12). Dawn l-ispejjez, ikompli jghid ix-xhud, kienu jikkoncernaw servizz ta' tiswija fuq gearbox, spejjez marbuta ma espert li ngieb mill-Italja u l-ispejjez li thallsu ghall-passagg tal-ajru w l-akkomodazzjoni ta' l-espert. Huwa qal li dak-in-nhar li kien il-Qorti flimkien ma missieru, l-intimat odjern kien "*... qieghed jaccetta u jammetti li kien debitur taghna*" (fol. 12). Ix-xhud wasal ghal din il-konkluzzjoni peress li dak-in-nhar li kien il-Qorti, Dr. Paul Lia, d-difensur ta' l-intimat "*... kien kellem lil Avukat li kellu missieri jigifieri Dr Arthur Azzopardi fejn l-istess Dr Paul Lia kien offra li jhallas is-somma ta' €250 minflok is-somma ta' €1003 sabiex il-kwistjoni tieqaf hawn*" (fol. 12). Qal ukoll li l-istess intimat kien ghamel din l-offerta direttament lil missieru izda kemm missieru kif ukoll l-Avukat ta' missieru Dr. Arthur Azzopardi kienu irrifjutaw tali offerta. Fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2013 xehed quddiem it-Tribunal. B'zieda ma dak li diga kien xehed permezz ta' l-affidavit, ix-xhud qal li l-intimat "*... kien ikkummissjonana sabiex naghmlulu xi xogholijiet fit-trakk tieghu. It-trakk huwa tat-tip King Long u l-hsara kienet fil-gearbox*" (fol. 24). Zied ighid li lill-intimat, ir-rikorrenti kienu offrewlu sabiex igibu espert minn barra

minn Malta minhabba din il-hsara li kellu u li l-istess intimat kien accetta din il-proposta. L-espert, li gie mill-Italja, kien ezamina l-*gearbox* tal-*coach* ta' l-intimat u rrizulta li din kienet qeghda tishon. Qal li "*bhala kumpanija ahna kellna nhallsu l-flights tal-lukanda u kellna nhallsu ukoll ghal parir professjonali ta' l-espert. L-espert jismu Claudio Vecchio*" (fol. 24).

5. **Ir-rikorrenti xehed** ukoll bil-procedura ta' l-affidavit. Qal li fil-25 ta' Jannar, 2011 huwa deher il-Qorti fuq akkuza li kien hedded lill-intimat "*... wara li kont tlabtu ihallas kont ghal servizzi moghtija minni u minn ibni, izda dan Josef Grech kien dejjem itawwal iz-zmien sabiex jeffettwa l-pagament u fl-ahhar kien inqala sahansitra argument bejnietna.* " (fol. 13). Huwa hareg liberat minn din l-akkuza. Qal li hekk kif appena hareg mill-Awla, kien hemm prezenti apparti hu u l-Avukat tieghu Dr. Arthur Azzopardi, Emanuel maghruf bhala Lino Grech u ibnu Marcel Chetcuti. Qal li dak il-hin l-intimat u l-Avukat tieghu "*... ghamlulna offerta ta' €250 sabiex il-kwistjoni l-ohra fuq servizzi li ahna konna provdejna tinghalaq hawn*" (fol. 13). Zied ighid li l-intimat kellhu jaghtih s-somma ta' €1,003 u dan ghas-servizz ta' tiswija ta' gearbox ta' coach, u spejejz marbuta ma espert li kienu gabu mill-Italja sabiex isewwi din il-gearbox. Kienu saru ukoll spejjez ohra ghar-rigward ta' l-akkomodazzjoni ta' dan l-espert barrani tul il-perjodu li dan dam hawn Malta u l-ispejjez relatati mat-titjira mill-Italja ghal Malta u lura. Qal ukoll li din l-offerta ma gietx accettata u dan wara parir li kien ha minghand l-Avukat tieghu Dr. Arthur Azzopardi u Emanuel Grech dak il-hin stess.

Ir-rikorrenti jghid li dak-in-nhar li l-Avukat Lia u l-intimat "*... ghamlu din l-offerta li kien nhar il-25 ta' Jannar, 2011 awtomatikament giet interrotta l-preskrizzjoni u ghalhekk dak li qed isostni Josef Grech li llum il-gurnata s-somma ta' €1,003 m'ghandhiex dovuta mhux korrett ghax jaf ben tajjeb dak li kien sehh nhar il-25 ta' Jannar 2011 cioe li kienet saret l-offerta ghal hlas dovut*" (fol. 13).

6. **L-Avukat Dottor Arthur Azzopardi** xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li fil-25 ta' Jannar, 2011

huwa kien qieghed jassisti lir-rikorrenti Martin Chetcuti f'kawza kriminali li kien hemm kontra r-rikorrenti. Il-parte civile kien l-intimat odjern. Huwa qal li "*din il-kawza kienet tikkoncerna argument li nqala bejn Martin Chetcuti u Josef Grech fejn Josef Grech kellu jhallas is-somma ta' €1,003 koncernanti servizz ta' tiswija ta' gearbox ta' coach, u spejjez marbuta ma espert li kien ingieb mill-Italja sabiex isewwi din il-gearbox. Spejjez ohra kienu jikkoncernaw l-akkomodazzjoni ghat-tul li l-espert kien dam Malta u t-titjira mill-Italja – Malta - Italja*" (fol. 39). L-Avukat Azzopardi qal ukoll li dak-in-nhar tal-kawza, l-Avukat Dr. Paul Lia, li kien qieghed jassisti lill-intimat odjern "*... ghamel proposta sabiex il-vertenza mertu tal-kawza kriminali tigi solvuta billi Josef Grech jghaddi s-somma ta' €250 minflok is-somma ta' €1003 u l-kwistjoni tieqaf hemm*" (fol. 39). Zied ighid li dan id-diskors kien sar fil-presenza ta' l-intimat. Ghalhekk, jikkonkludi l-Avukat Azzopardi, "*bl-offerta li saret li jsir pagament ta' €250 apparti li Josef Grech accetta li kien kreditur ta' Martin Chetcuti, kien ukoll interrompa l-preskrizzjoni proprju dak-in-nhar il-25 ta' Jannar, 2011*" (fol. 39).

7. Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013 xehed **l-Avukat Paul Lia**. Huwa qal li kien l-avukat ta' l-intimat u li kien kellem lil Avukat Arthur Azzopardi, l-avukat tar-rikorrenti. Sussegwentement kienet kitbitlu Dr. Maria Cardona fejn kienet infurmatu li huwa, bhala avukat tal-intimat "*kont accettajt jew b'xi mod irrikonoxxejt illi l-istess intimat kellu jaghti xi flejjes lir-rikorrenti. Jiena ktibt lil Dr Cardona biex ninfurmaha illi bl-ebda mod ma qatt irrikonoxxejt ghan-nom tal-klijent tieghi l-intimat li kien hemm xi ammont dovut*" (fol. 43). Ghar-rigward tad-diskors li sar fejn l-awla kriminali, l-Avukat Lia qal li "*jista jkun li waqt il-proceduri kriminali li kien hemm fil-Qorti kien sar xi diskors, pero' ovjament dak id-diskors sar bla pregudizzju, sar fi trattativi li kienu ghaddejjin li kif diga ghidt kienu minghajr pregudizzju*" (fol. 43-44). Enfasizza però li huwa "*bl-ebda mod nerga nghid illi ma jiena ghan-nom tal-klijent tieghi qatt irrikonoxxejt illi huwa kellu jaghti lir-rikorrenti. Qatt ma kont awtorizzat nassumi responsabilita', din ir-responsabilita' f'ismu. Nghid illi kieku kien hemm xi offerta jiena kont niktibha u kont nibghata lil parti l-ohra*" (fol. 44).

8. Ra d-dokumentazzjoni esebita. Minn din l-istess dokumentazzjoni jirrizultra s-segwenti:

i. Ricevuta rilaxxata mill-Intercontinetal Malta ghall-akkomodazzjoni ta' Mr. Claudio Vecchio bejn il-15 u s-17 ta' Settembru, 2008 fl-ammont ta' €280 (fol. 27).

ii. E-Ticket ghall-vjagg bir-ritorn mill-Italja lejn Malta u lura ghall-Italja. Id-data tat-tluq mill-Italja kienet il-15 ta' Settembru, 2008 u d-data tar-ritorn kienet is-17 ta' Settembru, 2008. L-ammont tal-biljett kien ta' €364.91 (fol. 30).

iii. Diversi emails (fol. 31 et seq).

iv. Ittra datata 18 ta' Lulju, 2011 mibghuta mill-Avukat Dr. Paul Lia lil Avukat Dr. Maria Cardona fejn l-Avukat Lia qal li huwa ma jaqbilx li rrikonoxxa xi debitu f'isem l-intimat u li jekk il-klijent ta' l-Avukat Cardona kellu xi pretensjonijiet kontra l-intimat, dawn kellhu jindirizzahom lill-istess intimat direttament.

Ikkunsidra ulterjorment;

9. Iz-zewg artikoli tal-ligi citati mill-intimat in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu li t-Talba odjerna hija perenta huwa l-artikoli 2148(a) u 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli tal-ligi jaqraw hekk:

***2148.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*

U

***2153.*** *L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta'sentejn.*

10. Mill-provi akkwisiti, sa issa, jirrizulta li l-intimat kien inkariga lir-rikorrenti sabiex jaghmlulu xi xogholijiet fuq il-vettura ossia *coach* tieghu tat-tip King Long. In adempiment ta' l-inkarigu lilhom moghti, r-rikorrenti kienu stiednu hawn Malta lill-espert mill-Italja fuq dan il-*coach* u wara li huwa kien tahom il-parir professjonali tieghu huma wettqu x-xogholijiet riparatorji.

11. Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li r-rikorrenti kienu nefqu s-somma ta' €644.91 ghall-akkomodazzjoni (€280) u l-vjagg ta' l-ajru (€364.91) ghall-dan l-espert. It-Tribunal jifhem li d-differenza bejn l-ammont ta' €644.91 u l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri ta' €1003 huma spejjez u drittijiet ghax-xoghol imwettaq fuq il-*coach* ta' l-intimat. Din id-differenza hija ta' €358.09c.

12. Dawn l-ispejjez saru f'Settembru, 2008 filwaqt li l-proceduri odjerni nfethu fid-19 ta' Dicembru, 2012 u b'hekk kienu ghaddew erba' (4) snin bejn minn meta saru l-ispejjez u minn meta nbdew dawn il-proceduri. B'hekk mad-daqqa t'ghajn jidher li l-perjodi preskrittivi indikati mill-intimat ghaddew.

13. Ir-rikorrenti qeghdin isostnu li fil-25 ta' Jannar, 2011 l-intimat, tramite d-difensur tieghu ta' dak iz-zmien Dr. Paul Lia ssosspenda l-perjodu preskrittiv meta kienet saret offerta ta' €250 sabiex il-vertenza odjerna tkun tista tinghalaq. Fuq dan il-punt, inghad mill-Qrati taghna li l-fatt li kien hemm negozjati ma jammontawx ghal rinunzja tal-preskrizzjoni u dan kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'**Rita Grech vs Luigi Sammut noe**[1] deċiża fis-16 ta'

[1] *"Illi kwantu ghall-pretiza rinunzja maghmula mill-konvenut, dina tikkonsisti filli huwa ddikjara li, kieku l-kumpens kellu jhallsu huwa, kien idahhal idejh fil-but u jhallas lill-attrici, imma la ma kienx minn tieghu, biex ihallasha kellu jiġi awtorizzat mill-Qorti*

Gunju, 1956 (Vol. XL.ii.832) u f'**Joan sive Giovanna Lungaro Mifsud noe et vs Rosaria Felice Gay et**[2] deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1972 (mhux pubblikata). Inghad ukoll li l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx l-effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni, jew l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn; ghaliex proposti simili jsiru minghajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti (ara **Neg. Carmelo Chetcuti et vs Neg. Costantino Balzan et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Frar, 1950 - Vol. XXXIV/i/326). Ukoll, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Agency Limited noe vs Oliver Ruggier** deciza fit-3 ta' Novembru, 2004 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[3] "*Jibda biex jigi puntwalizzat illi similment ghar-rinunzja tacita ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-assunzjoni tar-responsabilita` ma tistax tingibed hlief meta ma jkun jezisti l-ebda dubbju li l-konvenut ried hekk. Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt f' diversi sentenzi, "l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni, jew l-effikacja tar-rikonoxximent tad-dejn ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti*" (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 326**[4]). "*Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwestjonijiet reciproci b' xi transazzjoni jew b' mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huwa dejjem minghajr pregudizzju*" ("**Giovanna Mifsud *nomine et* -vs- Rosaria Felice Gay**", Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1972; "**Joseph Chircop *et* -vs- Salvatore Muscat *nomine***", Appell, 28 ta' April 2000). Ghalhekk,

---

*liema dikjarazzjoni, bla dubju, ma tammontax ghal rinunzia tal-preskrizzjoni;* ***u jekk anke tittiehed bhala tentattiv ta' transazzjoni, hu ormaj maghruf fil-gurisprudenza taghna illi t-trattativi tar-rangament ma ghandhomx ebda effikacja bhala rikonoxximent tad-dejn, u kwindi lanqas bhala rinunzja ta' drittijiet, fosthom dak tal-preskrizzjoni; u dana ghaliex dawk it-trattativi jsiru minghajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti (Collez. XXXIV.i.326 u App. Comm 8.11.1954 in re Testaferrata Abela vs Camilleri)***".

[2] "*Huwa notorju li t-trattativi li isiru bejn il-partijiet biex tiġi esplorati il-possibilita ta' xi ftehim huwa dejjem minghajr pregudizzju*".

[3] Per Imhallef Philip Sciberras (App. Nru. 107/2002/1).

[4] **Neg. Carmelo Chetcuti et vs Neg. Costantino Balzan et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Frar, 1950

żgur li dak li inghad fil-kurridur tal-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2011 ma jistax jiswa ghar-rikorrenti.

14. It-Tribunal jirrileva f'dan l-istadju li ma sarux kontro-ezamijiet f'dawn il-proceduri. Jinghad li l-process tal-kontro-ezami huwa li, "*a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible*[5]".

15. L-awtur **G. D. Nokes**[6] jghid li "*Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness* […] *it is designed to test the accuracy of the witness's evidence* […] *cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation*."

16. L-importanza li jsir kontro-ezami hu spjegat minn **Ian Dennis**[7] f'dawn it-termini: "*The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake*."

17. Issa, abbinat ma dan, insibu ritenut li, "***<u>Failure to cross-examine a witness</u>*** *who has given relevant evidence for the other side* ***<u>is held technically to amount</u>***

---

[5] **Peter Murphy**, <u>Murphy on Evidence</u>, 7th ed., 2000; p. 509;

[6] <u>An Introduction to Evidence</u>, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; pp.407–408;

[7] <u>Law of Evidence</u>, Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; p.596;

***<u>to an acceptance of the witness's evidence in chief</u>****. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine* […] *Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case*[8]". L-istess hu l-hsieb ta' l-awtur imsemmi fil-paragrafu 15 ta' din is-sentenza, fejn jirrimarka illi, "*failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.]*[9].".

18. Huwa minnu li dawn ic-citazzjonijiet aktar il-fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, pero t-Tribunal jirrimarka li dawn huma applikabbli *mutatis mutandis* ghall-ordinament Malti. Ta' min ifakkar illi l-Kodici Procedurali taghna jsib il-fonti tieghu fid-dritt Ingliz. Il-*Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament taghna fi zmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku.

19. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista eminenti Malti **Paolo De Bono** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi*

---

[8] **Peter Murphy**, *op. cit.*, p.511;

[9] **G. D. Nokes**, *op. cit.*, p.407;

*organiche e di procedura civile*." (p.320) u illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'*footnote* ghal din l-ahhar kwotazzjoni, jghid, *inter alia*, hekk: "*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del* B*EST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal* L*ELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso"*. (pp.322–323).

20. Bhala ezempju reċenti ta' dak hawn fuq spjegat, it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza **Lawrence Sive Lorry Sant vs In-Nutar Guze' Abela**[10] fejn naraw li l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur **Peter Murphy** (ara *supra*), l-opra "*Modern Law of Evidence*" (2nd edition) ta' **Adrian Keane** u l-opra ntitolata "*Cross on Evidence*" (2nd Australian edition). Aktar qrib zminijietna, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Agius vs. Rita Caruana**[11] ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha.

21. Dan juri li referenza ghandha ssir lejn il-principji regolaturi Inglizi fuq it-tematika tad-dritt procedurali relattivi ghall-provi u x-xhieda fil-qasam civili.

---

[10] Deciza fis-27 ta' April, 1993 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili per S.T.O. J. Said Pullicino;

[11] Ara digriet kamerali moghti fl-10 ta' Marzu, 2011 mill-Onorevoli Mhallef J. R. Micallef;

22. Biex nghalqu fuq din it-tematika tal-kontro-ezami, jinghad li *di natura* l-kontro-ezami "*is beyond any doubt the greatest legal engine ever invented for the discovery of truth*[12]".

23. It-Tribunal ghamel dan il-punt dwar il-kontro-ezami minhabba li dak li qal Marcel Chetcuti fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2013 u cioe li "*ahna lill-intimat konna offrejnilu sabiex ingibu espert minn barra minhabba din il-hsara li kellu u hu kien aċċetta din il-proposta*" qatt ma gie kkontrastat minn hadd.

24. Diga rajna li r-rikorrenti ghamlu s-segwenti spejjez u xogholijiet ghan-nom ta' l-intimat:

i. Spejjez ghall-akkomodazzjoni fil-lukanda InterContinetal Malta ta' l-espert Taljan Claudio Vecchio fl-ammont ta' €280;

ii. Spejjez ghall-vjagg ta' l-ajru mill-Italja ghal Malta u r-ritorn lura lejn l-Italja ghall-dan l-espert fl-ammont ta' €364.91.

iii. Spejjez u xoghol imwettqa fuq il-*coach* proprjetà ta' l-intimat fl-ammont ta' €358.09c.

25. Dan ifisser li żgur li almenu parti minn dak li qeghdin jitolbu r-rikorrenti ma jistax jikkwalifika bhala hlas ghal xoghol taghhom jew danni u konsegwentement, ghar-rigward ta' l-ammont imhallas mir-rikorrenti ghan-nom ta' l-intimat ghar-rigward ta' l-akkomodazzjoni u l-vjagg ta' l-ajru żgur li ma humiex applikabbli l-artikoli citati mill-intimat. B'zieda ma dan, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikolu 2158 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment hekk:

---

[12] **Larry S. Pozner** u **Roger J. Dodd**, "Cross-Examination: Science & Techniques", 2nd ed., 2004; §1.02, p. 1–3.

***2158.*** *Il-preskrizzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2147 sa l-2157,jistgħu wkoll jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur, minbarra minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu, jew meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur in solidum, jew għal skopijiet oħra, jew għal raġunijiet oħra, obbligat iħallas.*

26. Jirrizulta, u dan il-fatt, kif diġà rajna qatt ma gie kkontrastat mill-intimat permezz ta' kontro-ezami jew xhieda ohra li b'xi mod tista titfa' dubbju fuq dak li qal Marcel Chetcuti, li l-espert Taljan ingieb hawn Malta fuq struzzjonijiet u inkariku ta' l-istess intimat[13]. Fil-kawza fl-ismijiet **Saviour sive Aldo Portelli vs Frederick Cauchi Inglott** – deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Gunju, 2005 per Imh. Philip Sciberras[14], b'referenza ghall-artikolu 2158 tal-Kapitolu 16, inghad li:

"*Huwa desunt minn dan id-dispost illi ghalkemm fil-ligi taghna dritt ordinarju ta' kreditu hu preskrivibbli zmien hames snin, pero`, in virtu ta' l-Artikolu 2158 il-preskrizzjonijiet qosra, kompriza dik ta' hames snin, mhumiex eccepibbli kontra min hallas ghad-debitur, ghax hekk obbligat. Iffisser illi ghalkemm min ihallas ghal haddiehor bhala ko-obbligat jigi surrogat fid-drittijiet u azzjonijiet tal-kreditur principali dan ma jfisserx illi kontra tieghu tista' tigi opposta l-istess preskrizzjoni li kienet tkun tista' tigi opposta lill-kreditur*"

27. Ghalhekk, l-ammonti mhallsa mir-rikorrenti ghar-rigward tal-ispejjez biex jingieb hawn Malta l-espert Taljan, kif diga inghad ma humiex kolpiti bil-preskrizzjonijiet indikati. Mhux l-istess haga jista jinghad ghar-rigward tal-bilanc u cioe ghal ammont ta' €358.09 li huma l-ispejjez u xoghol imwettqa fuq il-*coach* proprjetà

---

[13] "*ahna lill-intimat konna offrejnilu sabiex ingibu espert minn barra minhabba din il-hsara li kellu u hu kien aċċetta din il-proposta"* ara x-xhieda ta' Marcel Chetcuti minnu moghtija fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2013 a fol. 24 tal-process.

[14] Appell Civili Numru. 2465/2003/1

ta' l-intimat mir-rikorrenti. Dawn huma kolpiti bil-preskrizzjoni ndikata mill-intimat a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 mqanqla mill-intimat limitatament ghar-rigward ta' l-ammont ta' €358.09c rappreżentanti drittijiet u spejjes tar-rikorrenti, qieghed jichad din l-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 u 2153 tal-Kap. 16 ghar-rigward tal-kumplament ta' l-ammont ta' €644.91 rapprezentanti spejjez inkorsi mir-rikorrenti bi ftehim ma' l-intimat sabiex jinġieb espert mill-Italja sabiex ikun jista jispezzjona u jeżamina l-vettura ossia *coach* tieghu tat-tip King Long.

L-ispejjez jibqghu riservati ghal ġudizzju finali.

It-Talba qeghda tiġi differita ghal 5 ta' Frar, 2014 fis-13:30.p.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------